**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 62/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Andrew Zarb**

Illum, 10 ta' Gunju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Andrew Zarb, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 122283(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-22 ta' Diċembru 2020 u fil-ġranet, xhur u snin ta' qabel, ġewwa dawn il-gzejjer:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, għamel uzu ieħor mhux xieraq bih;
2. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Christine Barbara, u b'mod li kien jaf li jew li missu kien jaf li dak li għamel kien ta fastidju għal Christine Barbara.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 49(c) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq nuqqas ta' provi ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni stante li ma tirriżultax imma sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni u kkundanatu għal ħlas ta' €200

multa u applikat l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' Christine Barbara għal perijodu ta' sena taħt penali ta' €1000.

Rat ir-rikors tal-appellant Andrew Zarb, ippreżentat fil-11 ta' Frar 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) "Tħassarha fejn din sabet lill-imputat ħati ossija tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha,
(b) Tikkonfermaha fejn din ma sabitx il-ħtija ta' l-imputat ossija fl-ewwel imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati, u tilliberah skond il-liġi u mingħajr preġudizzju fil-parti tal-piena tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-kaz."

Rat l-aggravji imressqa fir-rikors tal-appell.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aggravju uniku vventilat mill-appellant marbut mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, huwa jibda' billi jilmenta li ġaladarba ma nstabitx ħtija għall-ewwel akkuza dedotta fil-konfront tiegħu, isegwi li ma kellux jinstab ħati tat-tieni mputazzjoni ukoll.

Illi jibda biex jingħad illi ż-żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant jikkontemplaw zewġ reati separati u distinti minn xulxin, li jippreżentaw elementi legali differenti sabiex jissussistu, bir-reat tal-użu mhux xieraq ta' apparat elettroniku mhux neċessarjament iwassal għal fastidju ikkontemplat fil-liġi fl-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali u *vice-versa*. Għalkemm jista' jkun il-kaz li f'ċerti

ċirkostanzi dawn iz-zewġ reati jkunu ntrinsikament marbuta ma' xulxin bl-istess fatti jistgħu jagħtu lok għal iktar minn reat wieħed, madanakollu l-istess huma distinti minn xulxin u l-ingredjenti tagħhom huma differenti. Tant hu hekk illi kif kien rilevat fis-sentenza *Il-Pulizija vs Francine Cini* meta kien qed jiġu mistħarrġa l-elementi tar-reat imfassal fl-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399:

> **"Illi l-Ezekuttiv ghazel b'mod espress illi sa anke jelimina l-fastidju minn taht il-kappa ta' "uzu iehor mhux xieraq" tant li dan is-sub-paragrafu propost ma nghatax il-barka mil-Legislatur u gie eliminat:** ***"(c) pursues a course of conduct which amounts to harassment of another person or which he knows or ought to know amounts to harassment of another person;"*** **"**

Dan ifisser allura illi mhux kull imġieba li tammonta għal fastidju neċessarjament isarraf ukoll fl-elementi tar-reat maħsub fl-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali.

L-appellant imbagħad isostni li l-messaġġi minnu mibgħuta lil parti offiża ma setgħu qatt jikkostitwixxu fastidju fil-konfront tagħha oltre għal fatt illi hija stess stqarret illi kienet tinjora dawn il-messaġġi ripetuti u kontinwi, u għaldaqstant, fil-fehma tiegħu l-imputazzjoni li dwarha hu ġie misjub ħati ma setgħet qatt tissusisti.

Illi il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1]. Illi fl-Atti Proċesswali jinsabu eżebiti sensiela ta' messaġġi, liema messaġġi ntbagħtu lil parti leża Christine Barbara, kif ukoll lil ommha Maryanne Barbara. Il-messaggi jidher li intbagħtu minn diversi numri MSISDN, u fosthom hemm dak appartenenti lill appellant bin-numru MSISDN 79281489 u dawk bin-numru MSISDN 79297732, li l-appellant jammetti li kien jappartjeni lilu. Rigward in-numri MSISDN l-oħra li jidhru fuq uħud mill-messaġġi, jew aħjar *snapshots* ta'l-istess eżebiti in atti, ma nġabet l-ebda prova dwar

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

lil minn jappartjenu u għaldaqstant din l-Qorti ma għandha l-ebda mod kif tkun moralment konvinta li kien filfatt l-appellant li bagħat dawn l-messaġġi wkoll.

Illi mill-affidavit ta' PC 1091 kif ukoll mill-*PIRS Report* formanti parti mill-Atti Proċesswali, jirrizulta li nhar it-22 ta' Diċembru 2020, Christine Barbara rrikorriet l-Għassa tal-Pulizija sabiex tirraporta messaġġi li kienet ilha tirċievi mingħand l-appellant mis-sena 2016 'il quddiem, liema messaġġi kienu qed idejquha. Meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, Christine Barbara filfatt ikkonfermat li fil-passat, hija kellha relazzjoni ma' Andrew Zarb meta l-istess kien għadu miżewweġ, iżda mbagħad kienet hi stess li waqfet din ir-relazzjoni. Xehdet li wara li r-relazzjoni kienet intemmet, huwa beda jibagħtilha ħafna messaġġi fuq iċ-ċellulari tagħha li bdew idejquha, tant li saħansitra waslet biex tibblokja n-numru tiegħu. Meta għamlet hekk, hija bdiet terċievi messaġġi oħra minn numru li ma kinitx taf iżda li bassret li kien jappartjeni wkoll lilu. Illi, sussegwenti għal dan ir-rapport l-appellant kien mitkellem mill-Pulizija fejn kien ammetta li ġieli bagħat xi messaġġi lill-parti offiża kif ukoll lil ommha u dana għaliex kien għadu jħobbha. Innega pero' li qatt bagħat messaġġi ta' theddid.

Illi quddiem l-Ewwel Qorti xehedet ukoll Maryanne Barbara, u ċioe omm il-parte ċivile, li stqarret li bdiet tirċievi messaġġi minn numru ta' ċellulari li ma kenitx qed tagħraf li fihom hija kienet qed tiġi imwissija dwar il-*partner* il-ġdid ta' bintha. Irriżulta li dawn il-messaġġi kienu qed jintbagħtu mill-appellant u dan fuq ammissjoni tiegħu stess mall-Pulizija. Dan magħdud, madanakollu l-appellant ma huwiex mixli bir-reat ta' fastidju kontra omm il-parti offiża, b'din il-prova allura tista' tittieħed in konsiderazzjoni biss ai fini ta' korroborazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant isostni illi r-reat tal-fastidju ma jistax jissussisti u dan għaliex mhux biss huwa ma ġiex misjub ħati li uża apparat telefoniku għal użu mhux xieraq meta intbagħtu dawn il-messaġġi, iżda ukoll għaliex il-parti offiża stess tistqarr li dawn il-messaġġi hija injorathom u ma kenitx twieġeb għalihom.

Illi r-reat tal-fastidju ikkontemplat fl-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali ġie analiżżat f'sentenza mogħtija minn din il-Qorti nhar it-8 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet "Il-Pulizija Vs Ahmad Yassine" fejn ġie ritenut illi:-

***"Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali.***

***"Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:***

***'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.***

***Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon."***[2]

***Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa..***[3]

[2] Il-Pulizija vs Carmelo Vella, deċiza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-14 ta' Mejju 2012.

[3] .Il-Pulizija vs Massimo Tivisini.

*Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn:*

*'...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-*

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*
*...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-*

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa."*

Illi, mill-provi prodotti, senjatament mis-sensiela ta' messaġġi li l-appellant bagħat lill-parti offiża, u mix-xiehda tal-parti offiża stess u ta' ommha Maryanne Barbara huwa evidenti illi dawn wasslu biex ħolqu vessazzjoni u dwejjaq tant illi hija spiċċat irrapportat dan il-fatt lil pulizija għal darba darbtejn u dan wara żmien twil tissaporti lill-appellant u l-imġieba vessatorja tiegħu. U allura għal Qorti dan ifisser, illi għalkemm jidher li għal bidu il-parti offiża bdiet tipprova tinjora din l-imġieba ripetuta minn naħa tal-appellant, madanakollu finalment dawn il-messaġġi kontinwi, għalkemm ma kenux inġurjużi jew jikkostitwixxu xi theddid, madankollu wasslu biex bdew joħolqu l-fastidju ikkontemplat fil-liġi u kif iktar 'il fuq definit fis-sentenza *supra* iċċitata. Għalhekk huwa indubitat illi l-aġir tal-appellant fil-konfront tal-*ex* sieħba tiegħu kien wieħed ***"that annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*** u għaldaqstant tqis li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal sabiex issib ħtija għar-reat imfassal fl-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali. Għal dawn il-motivi l-aggravji tal-appellant qed jiġu miċħuda.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**